

Paġna ewlenija>Drittijietek>Il-Vittmi ta' delitti (għalkemm hawnhekk tista' tisser ukoll tal-kriminalità)>**Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż**  
**Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż**

Ġermanja

Inti titqies **vittma ta' reat** jekk ġarrabt dannu, pereżempju jekk soffrejt ġriegħi jew jekk il-proprietà tiegħek ġarrbet ħsara jew insterqet b'riżultat ta' inċident li huwa meqjus delitt skont il-liġi Ġermaniża. Bħala vittma ta' reat, il-liġi tagħtik ċerti drittijiet individwali qabel, matul u wara l-proċedimenti.

**Il-proċeduri kriminali fil-Ġermanja** jibdwu bl-investigazzjonijiet li jitmexxew mill-pulizija u mill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku; dawn l-investigazzjonijiet jistgħu jinbdu ukoll permezz ta' kwerela mill-vittma. Jekk ma jkunx hemm biżżejjed provi kontra l-persuna suspettata biex tiġi akkużata, l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jtemm l-investigazzjoni kriminali. Jekk, min-naħa l-oħra, ikun hemm provi biżżejjed, l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jressaq lill-persuna suspettata l-qorti. Dan jista', madankollu, iwaqqaf ukoll il-proċeduri f'ċerti ċirkostanzi, pereżempju jekk il-persuna ssuspettata tkun għamlet tajjeb għad-dannu materjali ikkawżat lilek jew tkun issodisfat ċertu kundizzjonijiet u struzzjonijiet.

Jekk il-qorti tiftaħ il-proċeduri ewlenin wara l-akkuża, din teżamina l-provi kontra l-persuna akkużata waqt seduta fil-qorti. Jekk issib lill-persuna akkużata ħatja, tikkundannaha u tistabblixxi piena. Il-Qorti tista', f'każijiet xierqa u inqas serji kontra l-akkużat, ittemm il-proċeduri wkoll, pereżempju jekk il-persuna akkużata turi sogħba u tkun ipparteċipat f'medjazzjoni bejn il-vittma u t-trażgressur. Jekk il-provi kontra l-persuna akkużata ma jkunux biżżejjed, il-qorti trid tilliberaha. Jekk tingħata sentenza, il-proċeduri kriminali jistgħu jkomplu f'qorti superjuri wara appell.

Inti bħala vittma tista' tieħu sehem fi proċeduri kriminali bħala xhud jew jista' jkollok rwol aktar attiv billi ssir formalment prosekutur privat (*Privatkläger*) jew prosekutur addizzjonali privat (*Nebenkläger*) u b'hekk tibbenefika minn diversi drittijiet disponibbli għalik. Bħala prosekutur privat inti tieħu r-rwol tal-prosekutur pubbliku; bħala prosekutur addizzjonali privat, inti tieħu sehem fil-proċeduri flimkien mal-prosekutur pubbliku.

Billi tikklikkja darba biss fuq il-ħolqa rilevanti, issib **I-iskedi informattivi** li ġejjin li juruk il-passi differenti li tgħaddi minnhom il-kawża tiegħek, jiddeskrivulek id-drittijiet tiegħek bħala vittma ta' reat meta tagħmel kwerela għal delitt, matul l-investigazzjoni tad-delitt, matul il-proċess jew wara l-proċess fl-ewwel istanza. Barra minn hekk, tista' taqra aktar dwar l-intitolament tiegħek għal kumpens, u l-għajnuna u l-appoġġ li tista' tikseb.

Naturalment dawn l-iskedi informattivi huma biss introduzzjoni għal ħafna regoli differenti. Pereżempju, tkun teħtieġ informazzjoni aktar speċifika għal proċeduri meta l-akkużat ikun adoloxxenti jew adult żagħżuġ, li bilkem jissemmew hawnhekk.

**Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib it-tagħrif li teħtieġ**

**1 - Drittijiet bħala vittma ta' reat**

**2 - Ir-rappurtar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess**

**3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess**

**4 - Kumpens**

**5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza**

L-aħħar aġġornament: 20/10/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.